MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru 237/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**

**vs**

**Jeremy James Farrugia**

**Kumpilazzoni Numru:237/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeremy James Farrugia, ta' 25 sena, iben Emanuel u Catherine nee' Sydon, imwieled il-Pieta', nhar il-11 ta' Novembru, 1984 u residenti numru 18, Triq Santa Marija, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 558384M.

Akkuzat talli f'xi zmien bejn it-18 ta' Jannar, 2009 u l-21 ta' Settembru, 2009, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u dan sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' laqgha ghandu mobile phone ta' l-ghamla Samsung E250 li kien gie msruq fost oggetti ohra minn serq li sehh nhar it-18 ta' Jannar, 2009 minn gewwa il-fond 'Rivendelle', Triq Antonio Bosio, Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jeccedi €2,329.37.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma l-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-KAp 9 tal-Ligjiiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell u tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 289 u 334 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li l-valur ta'l-oggett ricettat mill-imputat jeccedi €23,29 jizda ma jeccediex

€232,93. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (b'mod partikolari x'kien l-oggett misruq) u tal-fatt li l-imputat ghandu problema bid-dipendenza fuq id-droga, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex izzid il-piena bi grad.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 289 u 334 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------